# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

### Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 4 ta' Frar 2000

**Numru 31**

**Citaz. numru 59/89 DS**

Joseph Schembri
vs
Sammy Meilaq in rapprezentanza tal-Malta Drydocks

Illum, 4 ta’ Frar 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-23 ta’ Jannar 1989 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi fid-9 ta' Lulju 1985 kien qed jahdem it-Tarzna, bl-inkarigu tal-konvenut nomine, huwa sofra incident u wegga gravament fi drieghu x-xellugi u sofra dizabilita permanemti kif jirrizulta mill-annessi certifikati medici (Dok. A u B)

Bhala konsegwenza ta' dan l-incident huwa sofra danni ohra kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

L-incident in kwistjoni gara unikament b'tort tal-konvenut nomine minhabba traskuragni, negligenza u inosservanza tan-normi ta' sigurta da parti tl-istess konventu nomine kif jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Il-konvenut nomine, interpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur fl-imsemmi incident permezz ta' ittra ufficjali tas-7 ta' Lulju 1987 baqa' inadempjenti.

talab lil din il-Qorti:

1. tiddkjara u tiddeciedi li l-konvenut nomine kien unikament responsabbli ghall-incident li sofra l-attur fid-9 ta' lulju 1985 waqt li kien qed jahdem fil-Malta Drydocks;

2. tillikwida kwindi, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi, d-danni sofferti mill-attur fl-imsemmi incident;

3. tikkundanna lill-konvenut nomine ihallas lill-attur d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Lulju 1987, bl-imghax mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali u bl-ingunzjoni tal-konvenut nomine ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-ligi billi l-eccipjent nomine ma jahti bl-ebda mod ghall-incident indikat fic-citazzjoni u konsegwentement ma ghandu jwiegeb ghall-ebda konsegwenzjali li seta' sofra l-attur.

2. Illi f'kull kaz, l-attur ma qed isofri minn ebda dizabilita' permanenti kagunata bl-incident imsemmi fic-citazzjoni.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tat-13 ta’ April 1989 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon bhala perit legali biex ifittex u jirrelata wara li jiehu konjizzjoni tat-talbiet tal-attur u l-ecezzjonijiet tal-konvenut;

Rat id-digriet tat-13 ta’ Novembru 1991 fejn gie nominat bhala espert mediku biex jassisti l-perit legali l-kirurgu ortopediku Mr. Frederick Zammit Maempel;

Rat ir-relazzjoni minnhom mahlufa fid-29 ta’ Ottubru 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Il-kaz jirrisali ghad-9 ta' Lulju 1985 meta l-attur wegga' fuq il-post tax-xoghol. Hu flimkien ma' zewg haddiema ohra (Carmelo Zahra u Joe Mercieca) kienu inkarikati biex jaghmlu "trays" intizi biex jingabar fihom iz-zejt li jaqa' mill-magni tal-vapuri. L-attur u Zahra kienu qed jaqtghu pjanci tal-hadid u jaghmlu "flap" mad-dawra kollha. Imbaghad Mercieca jaghmel il-welding tal-gnub. It-tlieta li huma kienu haddiema tas-sengha u ta' esperjenza.

L-attur kien gab "face grinder" mill-istore biex jillixxa l-"welding". Dan kien jahdem bl-arja u kien jikkomprendi mola. Il-"face" tehel mal-"grinder" permezz ta' skorfina. Skond l-attur, l-apparat provdut lilu ma kellux irpar ("guard") minn quddiem. Ghalhekk il-mola kienet mikxufa. Dan kien ikkonfermat mix-xhud Joe Mercieca. Skond l-attur, waqt li qed juza l-"grinder", il-mola nqasmet fi tnejn u bicca laqtitlu idu x-xellugija u ghamlitlu farrett u l-bicca l-ohra laqtitu vicin irkobbtu x-xellugija. L-imghallem Lawrence Debattista kkonferma li l-attur korra bil-mola li nqasmet ghalkemm hu jghid li nqasmet f'bicciet zghar u saret raghad.

Ghalkemm Joe Mercieca qal li l-"face grinder" ma kellhiex "manufacturer's guard", huwa stqarr li xi granet wara l-incident giet ordni biex il-"face grinders" isirulhom "guard" fis-sens li l-"face" tkun mghottija u b'hekk tigi eliminata l-possibilita' li tinqala'. Sakemm saru l-"guards", il-"face grinders" ma ntuzawx wara l-incident ta' l-attur.

Kemm Joe Mercieca kif ukoll Lawrence Debattista ikkonfermaw li l-mola ma tigix "worn out" wara gurnata xoghol. Anzi skond Debattista kieku dahlet lura fl-istore, l-ghada kienet terga' tintuza. Ikkummenta wkoll li tul il-gurnata kollox kien regolari kemm bhala progress kif ukoll bhala "safety".

Il-perit legali ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet ta' dritt li huma rilevanti ghall-kaz:

Mill-fatti kif irrizultaw u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta' dritt suesposti, il-perit legali kkonkluda li l-konvenut nomine bhala employer ta' l-attur ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-korriment tieghu ghaliex galadarba rrizulta li l-attur hadem skond is-sengha u fis-sigurta' u ghalhekk il-*modus operandi* tieghu ma kienx il-fattur li ddetermina jew ikkontribwixxa ghall-incident, il-kawza prossima ghandha tkun attribwita ghall-apparat provdut mill-employer li ma kienx "safe and without risks to health" ghaliex l-employer ma hax dawk il-mizuri li kienu "reasonably pracrticable" biex jipprevjeni li dak l-incident jigri. Fil-fatt ittiehdu mizuri wara l-incident u mhux qabel. Il-fatt li d-dinamika ta' l-incident tal-attur kienet rari, mhux garanzija li t-tip ta' apparat adoperat kien hieles mill-periklu. Tant hu hekk li l-employer sussegwentement introduca mizuri ta' prevenzjoni.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-perit legali ghamel apprezzament tajjeb tal-fatti rizultanti u tal-punti ta' dritt applikabbli ghall-kaz u ghalhekk tikkondividi l-konkluzjoni minnu raggunta dwar ir-responsabbilta' ta' l-employer. Ghalhekk issa l-Qorti se tghaddi biex tillikwida d-danni lilu dovuti.

Id-danni li qed jirreklama l-attur huma *lucrum cessans*. Huwa esebixxa l-P3 forms ghas-snin 1985 u 1986 mnejn jirrizulta dhul gross rispettivament ta' Lm3473 u ta' Lm3640. Meta gara l-incident kellu 57 sena izda gie "boarded out" fl-10 ta' Marzu 1987 fl-eta' ta' 59 sena minhabba ugiegh persistenti f'dahru (mhux ghalhekk relatat ma' l-incident in kwistjoni). L-eta' pensjonabbli normali kienet ta' 61 sena. Meta spicca mill-impjieg beda jippercepixxi pensjoni ta' Lm137 kull erba' gimghat. Fis-27 ta' Awissu 1994 din kienet telghet ghal Lm163.13.

Il-perit legali ha bhala qliegh bazi ghall-komputazzjoni relattiva s-somma ta' Lm2670 rapprezentanti l-medja ghat-tliet snin li l-attur dam fl-impjieg wara l-incident u t-tliet snin li kien bil-pensjoni sal-eta' normali pensjonabbli u uza multiplier ta' sitt snin. Ha in konsiderazzjoni tnaqqis ta' 8% ghal lump sum payment u llikwida l-ammont dovut fis-somma ta' Lm440. Id-difensur ta' l-attur irrimetta ruhu ghar-rapport izda l-Qorti trid taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

Jigi rilevat l-ewwelnett li billi l-incident gara fid-9 ta' Lulju 1985 u l-attur gie "boarded out" fl-10 ta' Marzu 1987, dan ifisser li dam inqas minn sentejn ohra jahdem. U kieku baqa' sa l-eta' pensjonabbli kien ikun baqaghlu sentejn ohra. Madankollu l-kawza qed tigi deciza ftit aktar minn erbatax-il sena u nofs wara l-incident u ftit aktar minn hdax-il sena wara

li gietipprezentata c-citazzjoni. Id-dizabilita' ta' l-attur hija wahda permanenti u, ghad illi fis-seduta peritali ta' l-1 ta' Ottubru 1990 l-attur qal li m'ghandux tbatija partikolari, fl-istess seduta spjega li b'idu x-xellugija ghandu "grip" b'erbat iswaba' u minn fejn ghandu l-farrett sas-saba' l-kbir tax-xellug ma jhossux. Certament m'ghandux jigi "penalizzat" ghall-fatt li l-incident gara biss erba' snin qabel l-eta' pensjonabbli. Specjalment f'kaz ta' persuni anzjani, fil-konsiderazzjoni tat-telf ta' qliegh futur, ghandu jitqies ukoll it-tnaqqis fil-kapacita' ta' tfaddil minhabba menomazzjoni li ma tippermettix lill-individwu l-uzu shih tal-fakoltajiet tieghu u l-htiega li jidhol fi spejjez zejda. Wara kollox it-tfaddil huwa mezz ta' qliegh.

Fid-dawl ta' dan kollu, u wara li l-Qorti kkunsidrat il-persentagg ta' dizabilita' stabbilit mill-perit mediku fl-ammont ta' 3%, il-paga li kellu fl-1985 u fl-1986 u l-pensjoni li qieghed jippercepixxi, qed tistabilixxi l-lucrum cessans arbitrio boni viri fl-ammont ta' Lm800 minghajr tnaqqis ghal lump sum payment.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine, tilqa' t-talbiet attrici u

(1) tiddikjara li l-konvenut nomine kien unikament responsabbli ghall-incident li sofra l-attur fid-9 ta' Lulju 1985 waqt li kien qed jahdem fil-Malta Drydocks,
(2) tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm800, u
(3) tikkundanna lill-konvneut nomine jhallas lill-attur din is-somma hekk likwidata ta' Lm800 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine.

**ONOR IMHALLEF**
**DOTTOR DAVID SCICLUNA**

**GRAZIO GALEA**
**D/REGISTRATUR**